"Is-Siġra u l-Bniedem"

X

In-Nazzjon Tagħna d/ 18.10.78.

# " IS-SIĠRA U L-BNIEDEM "

Ta'

Charles Attard.

B'harsti msammra fuqhek, rajtek tofroq l-art u tiehu l-hajja, imbaghad, rajtek tikber, toghla u thaddar sakemm bdejt tifrex dirghajk 'l hawn u 'l hinn, biex tahthom tinsatar u tistkenn mir-rwiefen u mix-xita u mill-bard.

Kemm kbiert mill-ahhar li rajtek! Anqas kont gharaftek. Kemm sirt sabiha u kemm sirt kbirija? Żmien ilu rajtek tixxejjer mar-rieh u mhux darba u tnejn, hsibtek sejra titlef hajtek. Il-lum, ghadda ż-żmien u m'ghadnix narak iżjed imneżża' u mcahhda mis-satra. Il-lum, ilbist u ma hallejt xejn jidher minn ġismek, ghajr riġlejk li fuqhom tinsab wieqfa, tissielet mar-rwiefen u l-qilla ta' l-iljieli xitwin. Il-lum, taht ilbiesek, wiehed jista' jsib l-hena u l-kenn. Kemm int sabiha meta int f'siktek. Dirghajk mifruxa, miżghuda b'mijiet ta' weraq fin u hlejju, narahom imellsu l-arja safja ta' madwarek. Kemm u kemm nies, taht dellhek jistkennu mill-qilla tax-xita u x-xemx? Ukoll l-ghasafar, fik, isibu kennhom u fuq dirghajk, tarahom jittajru, jsemmghu lehinhom, f'ghana ta' tifhir lil Mulej, il-Hallieq tal-hlejjaq kollha.

X'dehra helwa, dik taż-żernieq, meta ilbiesek nidja min-nida ta' hawn il-lejl, jidher ilellex ghaliex ġie milqut mid-dawl fiddi tal-qamar jew minn dak tax-xemx li ghadha kemm fiġġet minn xefaq il-bahar.

Tahtek jistkennu l-bhejjem, jistkennu l-bnedmin. Żagħżagh, mitlufin fl-imhabba, ghal kennek isibu l-mistrieh u fi hdanek iserrhu qlubhom u jithaddnu flimkien. Ir-rghaj ukoll ghandek jiġi; tahtek jitnieghes u jghasses l-merhla li madwarek tfittex l-ghixien. Ix-xwejjah fqir ukoll jiġi jżurek ghaliex ghandek isib l-hena, il-kenn u s-skiet.

Jiena wkoll, darba, ġejt inżurek u fil-hemda, ghal dellek, qghadt nahseb fuqhek u fuq ġmielek. Kos, ghedt bejni u bejn ruhi, hajtek tixbah hafna lil dik tal-bnedmin. Mit-trab, int hadt il-hajja u jien, bhalek, sirt bniedem. Bhalek kont ckejken u bhalek kont dghajjef. Il-lum, kbirt u bhalek niflah nissielet mat-tweghir tal-hajja. Uliedi, fija, isibu l-kenn, l-hena u l-imhabba, l-istess bhal ma l-ghasafar, ir-rghajja u hafna ohrajn, isibu fik.

Imbaghad, ghadda ż-żmien u jien, rġajt ġejt inżurek, imma, did-darba, rajtek xort'ohra. Int m'ghadekx dik ta' dari. dirghajk u ġismek m'ghadhomx qawwija u sbieh bhal qabel, imma qieghed narahom imtertqin u mkemmxin li bilkemm qieghed ngharfek. Inhossni miblugh inhares lejk. Fejnha żgħożitek? Fejn hu ġmielek? Fejnha kbiritek? Kollox gheb minn fuqek, anqas hwejġek ma baqaghlek; dirghajk mikxufa u ġismek gheri. Il-lum, qieghed narak imghawġa u mitnija taht il-madmad taż-żmien.

"Imma, għaliex qiegħed tistagħġeb?" smajt min igħidli f'widnejja "Ħares ftit lejk innifsek! Fejnha żgħożitek? Fejn hu ġmielek? Fejn hija l-ħeffa ta' riġlejk? Ħares lejn wiċċek u lejn dirgħajk. M'intix tara li m'għadekx li kont? Wiċċek tkemmex, idejk imregħda u riġlejk, bilkemm tiflaħ fuqhom. Ħares lejn rasek. Din ukoll neżgħet minn xuxitha. L-istess bħas-siġra, din, neżgħet minn werqitha. It-tnejn xjaħtu! It-tnejn wasaltu f'xifer il-qabar!" U ma dawn il-kelmiet, donni li ġejt f'tiegħi. Bi tbatija, qomt fuq riġlejja, inħares lejn dik is-siġra. Sewwa kien qalli dak il-leħen. Is-swidija, dawk il-grieħi li għandha f'ġisimha, in-nixfa ta' dirgħajha, kolla qegħdin jixhdu x-xjuħija. Imbagħad, ħarist lejja nnifsi. Iva! Tassew!.. Wiċċi magħlub u għajnejja fil-ħofra. Idejja nixfin u riġlejja qishom qasab. X'Waħdadin! It-tnejn sirna qisna skeletri. Dak il-leħen sewwa qalli; ftit baqagħli biex ninżel f'qabri u hawn, mill-ġdid, xħett ħarsti fuq dik is-siġra u b'qalbi sewda għedtilha: "Is-sliem, f'did-dinja, sgur li ma nerġgħux niltaqgħu.

14. 6. 1960.

22, Prince Albert Street,

Sliema.

14 ta' Ġunju, 1960.

Lill Editur,
Paġna Letterarja,
It-Torċa,
Triq Il-Fran, Il-Belt.

Għażiż Sur Galea,

Qiegħed nibagħtlek Essay biex ixxandru fil-Paġa Letterarja tat-Torċa. Jiena ġa bagħtlek xi tnejn oħra, qiegħed nagħmilhom qosra apposta biex tkun tista' tippublikhom.

Inselli għalik u nizzik hajr bil-quddiem.

Dejjem tiegħek,

Charles Attard.

# REDIFFUSION (MALTA) LTD.

P. O. BOX 82

REDIFFUSION HOUSE
ST. LUKE'S ROAD
GWARDAMANĠA

"Is-Siġra u l-Bniedem"

7.11.60

Dear Sir / ~~Madam~~,

Voucher No. 16958 of 31.10.60. Value £ 1 : — :

Please note that payment of £ 1 — . is due to you, and may be collected on any working day during office hours at our Accounts Office, at the above address. This amount is due to you in respect of work in Gabra Nelleriaja No 39

It would be extremely helpful if you would kindly collect the above payment within 30 days from the above date.

Please produce the enclosed voucher when claiming payment.

Yours faithfully,
REDIFFUSION (MALTA) LTD.,

[signature]

Administration Manager,
Programme Department

Encl.

Calland Esq

22, Prince Albert Street,

Sliema,

14th June, 1960.

The Secretary to the
Literary Editor,
Rediffusion House,
Guardamangia.

Dear Josette,

The enclosed is an essay for inclusion in the "Gabra Letterarja" presente by Prof. J. Aquilina.

Sending my best regards,

I remain,

Yours faithfully,

Charles Attard.

"Is-Siġra u l-Bniedem"

B'ħarsti msammra fuqhek ~~minn~~ rajtek tofroq l-art ~~li taħtha~~, rajtek tieħu l-ħajja ~~int, sebt ħadt bil-ħajja ġejtek~~ u maż-żmien rajtek tikber, togħla u tħaddar, ~~sakemm~~ imbagħad rajtek tifrex dirgħajk l-hawn u l-hemm biex taħthom tissalà u tistkenn mix-xemx, mix-xita u mill-bard.

Kemm kbirt mill-aħħar li rajtek! Anqas kont għaraftek: kemm sirt sabiħa!.. kemm sirt kbira!

Żmien ilu kont tixxejjer mar-riħ u m'hux darba u tnejn biżibtlek se' tittef ħajtek. Il-lum, għadda ż-żmien u m'għadnix naraek iżjed, immieżża u mċaħkda mis-satra. Il-lum int ilbiest u ma ħallejt xejn jidher minn ġismhek, għajr riġlejk li ~~d~~ fuqhom tissab wieqfa, tisselt mar-riefen u l-qilla ta' l-ilbiċ xelwin. Il-lum, int, insalatt-, b'mod li ħatt ilbieshek, wieħed jista' jsib l-hena u l-hemm.

Kemm int sabiħa, mela int f'rikkhtek! Dirgħajk mifruxa, miżgħuda b'mijiet ta' weraq fin u tleqqa, malhom imellsa l-arja safja ta'

madwarhek. Kemm u kemm
nies, ħtakt- dellhek jisthennu
mill- gilla tax- xemx.
Whall l-għasafar, jiż, isibu
kennhom u jug dighajk,
naukom jittajru, isimmgħu
leħinhom f'għana ta' tifħir
lil Alla, Halliq lil kliejjaq
kollha.
Ix-xehesa helwa, dik taż-
żerniq, mela lbiechek,
niedja minn nida t-hanu
il-lejl, jidher iżellex
għaleex milqut mid-dawl
jiddi tal-Qamar, jew minn
dak tax-xemx li għadha
kemm feġġet minn xefaq
il-baħar.
Taħtheh jisthennu l-bhejjem
— jisthennu l-bnedmin ...
Zagħzagħ mitluqa fl-imħabba,
għal kennhek isibu l-mistieħ;
(jiehdanhek) laħtam isibu għebbhom;
laħtam imħaddmin flimkien.
Ix-xgħaj whall għandhek jiġi.
Taħtheh jitnigħes u jgħasses
l-merħla li madwarhek tfittex
l-għixien. Ix-xwejjah jiġi
whall jiġi jżurhek għaleex
(jiehdanhek) isib l-hena-l-hemm
u s-skiet.
Tiena whall, darba ġejt
inżurek u fil-hemda, għad-
dellhek qagħadt nahseb

fuqhek u fuq ġmiellek. Kos, għedt, bejni u bejn ruħi, rajtek Tisbaħ lil dik tal-bnedmin.

Mit-triq ta' l-art, int, tradd-it-tajja u jien, bħallek, mix-xejn sirt bniedem. Bħallek kont ċkejken u bħallek kont dgħajjef, il-lum, kbirt u niflaħ nissielet mat-tigħrik tal-ħajja ... Int wkoll, il-lum li ġismek sar ... xejn ma jqanqlek minn fuq riġlejk. Uliedi, ~~tija~~ fi ħdani, isibu l-kenn l-hena u l-imħabba ... bħal ma l-għasfur, ir-rajja u ~~l-fqq~~ kapra oħrajn isibu fik.

Imbagħad għadda ż-żmien u jien, irġajt ġejt inżurek, imma din id-darba, rajtek xort'oħra. Int ingħadlekx dik ta' dari. Dirgħajk u ġismek ingħadlhomx qawwija u sbieħ bħal qabel, imma qed narah imterraq u mkemmex li bilkemm qed nagħarfek. Inħossni nibkiegħ inkaxxlejk. Fejnha żgħożitek? Fejnu ġmielek? Fejnha dik ħlewwitek ta' dari? Kollox egħreb minnu fuqhek; anqas ħwejjeġ ma baqagħlek, il-lum qed narak, mgħawġa u mitnija taħt il-madmad taż-żmien.

"Lemma, għaliex qed titlaqgħeb?"
Smajt min jgħidli f'widnejja:
"Ħares ftit lejk in-nisiek.
Fejnha żogħżitek? Fejnu
gmielek? Fejnha dik il-ħeffa
ta' riġlejk? Ħares lejn wiċċek.
Ħares lejn idejk. M'inthix
tara li m'għadekx dak ta'
qabel? Wiċċek tkemmex,
idejk imregħda u riġlejk
bilkemm tiflaħ iġġorrhom.
Ħares lejn rasek. Dik il-ħolla
neżżgħet minn rasek. L-isbaħ
bħas-siġra... Dik, neżżgħet
minn werqitha. It-tnejn
xjaħna... It-tnejn sejrin
lejn il-qabar. U ma'
dawn il-kelmiet, donnu li
qajt f'tiegħi. Ħafif, qomt
fuq riġlejja, nħares lejn
dik is-siġra li kont
miżhut taħtha.
Swara qalbi dak il-ħin:
Is-swidija, il-ġrieħi f'ġisimha,
in-nixfa ta' dirgħajha, kollha
kienu qed jindhru in-sjuħija.
Imbagħad ħarist lejja n-nifsi:
Iva, lesswi. Wiċċi maqħlub,
għajnejja fil-ħofra, idejja
maqħluba u riġlejja qishom
qasab. It-tnejn qisna
xhelbu.. X'waħdadin, swara
qalbi.. ftit baqagħli biex
ninżel f'qabri. U hawn, mill-ġdid tajt ħarsti
fuq is-siġra u b'qalbi swda, għedtilha: "Is-Sliem
f'dik id-dinja, sgur li ma nerġgħux niltaqgħu."